MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 892/1997/1

Mohammed Hazzouri
vs
Chief Government Medical Officer tad-Dipartiment tas-Sahha

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1987 ir-rikorrent kien sofra ingustizzja f’li ma thalliex jaghmel xoghol ta’ Procurement Officer u Deputy Chief Pharmacist u anke nghata transfers vendikattivi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrent kien ilu jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha mill-1982 u li huwa kien jahdem fl-Ispizerija ta’ St. Lukes Hospital bhala Pharmacist Analyst. Illi r-rikorrent dejjem kien hadem biex l-ispizerija ta’ l-isptar tahdem sewwa, kif ukoll huwa kien

responsabbli ghat-tmexxija ta’ Spizeriji ta’ Sptarijiet anke f’Ghawdex u polyclinics. Illi kemm il-pazjenti kif ukoll is-Superjuri tieghu dejjem fahhru lir-rikorrent ghax-xoghol tieghu.

Illi fl-1986 ir-rikorrent kien ha c-cittadinanza Maltija. Illi fl-1987 huwa kien ha l-appointment ghall-grad ta’ Procurement Officer u Deputy Chief Pharmacist. Illi ezattament gurnata wara l-elezzjoni generali tal-1987 ic-Chief Pharmacist kien ordna lir-rikorrent biex johrog mill-ufficcju tieghu u jmur f’ufficju mahmug u abbandunat fil-basement ta’ l-isptar San Luqa. Illi r-rikorrent ma kien inghata ebda xoghol u thalla f’dan l-ufficju ma’ jaghmel xejn ghal gimghat shah.

Illi wara dan il-perjodu, ir-rikorrent kien mibghut fl-ispizerija ta’ l-Isptar San Vincenz de Paul, fejn wara hames xhur jahdem f’dan l-isptar kien rega’ qala trasferiment iehor din id-darba ghall-isptar Boffa. Illi r-rikorrent qatt ma kien inghata s-salarju ta’ Procurement Officer u dan minkejja li hu ghamel zmien jaghmel dan ix-xoghol. Illi konsegwenza ta’ dawn it-trasferimenti, salarju mhux adekwat u anke minhabba trattament hazin kontinwu da parti tac-Chief Pharmacist u mis-Supretendent ta’ l-Isptar, ir-rikorrent u l-familja tieghu kienu ghaddew minn mumenti ta’ tensjoni kbira u sahansitra dipressjoni.
Illi dan it-trattament hazin kompla u anke d-Dipartiment tas-Sahha kien ha passi kontra r-rikorrent u anke kien hemm proceduri kontra r-rikorrent minhabba li d-Dipartiment kien allega li r-rikorrent kien ghamel xi xogholijiet li ma kienx awtorizzat jaghmel. Illi r-rikorrent ma kienx instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih u kien illiberat minn kull akkuza. Illi minhabba f’dan it-trattament hazin li kien qed jircievi r-rikorrent kompla zied id-dipressjoni u t-tensjoni tieghu. Illi r-rikorrent kien konvint li d-Dipartiment tas-Sahha beda jara kif jaghmel biex ingustament jinkrimina u psikologikament ikisser lir-rikorrent.

Illi minhabba f’dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent ma kienx fadallu triq ohra hlief li jirrizenja mill-impieg tieghu.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-impieg li kellu bhala Procurement Officer u Deputy Chief Pharmacist u dan b'effett mid-data li huwa kien ha l-promozzjoni ghall-grad imsemmi, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chief Government Medical Officer li eccepixxa:

Illi Mohammed Hazzouri kien gie impjegat mad-Dipartiment "on a day-to-day basis" fit-12 ta' Ottubru 1982 fil-grad ta' Pharmacist/Analyst IA.

Illi r-rikorrent kien gie sussegwentement u cioe` fit-8 ta' Jannar 1987 mahtur Pharmacist/Analyst IA u ghalhekk qatt ma kien ha appointment ta' "Procurement Officer" u "Deputy Chief Pharmacist". Stante dan ma setax jithallas il-paga ta' grad li ma kienx jokkupa.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni tar-rikorrent talab lit-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet fir-rikors.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illr <u>r-rikorrent</u> ipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1978 u dam sal-1988. Mill-1982 sal-1988 kien jahdem bhala spizjar fuq bazi ta' kuntratt peress li kien strangier u fl-1987 fuq bazi indefinita peress li kien gie dikjarat cittadin Malti. Semma li kien responsabbli mill-ispizerija ta' l-isptar San Luqa izda f'perjodu qasir kien jiehu hsieb ukoll l-ispizeriji ta' l-isptar Monte Carmeli, l-isptar St. Vincenz De Paul, l-isptar Boffa u l-isptar Generali ta' Ghawdex. Qal li f'dak il-perjodu ma kellu ebda tilwima ma' xi kollega jew superjur tieghu fuq ix-xoghol jew fil-professjoni tieghu. Semma li fl-1986 kien gie promoss ghal Procurement Officer u kien fl-istores tad-Dipartiment. Qal li l-atteggjament tac-Chief Pharmacist lejh beda jinbidel ghall-aghar u ma kenitx hadet pjacir li issa kien ser ikollha assistent maghha. Kompla jghid li dak l-atteggjamnet hazin tac-Chief Pharmacist kompla, tant li kienet "ivvintat" tlett okkazjonijiet fejn ittiehdu passi dixxiplinari kontrieh fuq allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu, izda ma kienet iggustifikat ebda wahda minn dawk l-allegazzjonijiet.

Semma li wara l-elezzjoni generali tal-1987, kien gie ordnat sabiex johrog mill-ufficju tieghu fil-Medical Stores u jmur f'ufficcju fil-basement tal-isptar f'kamra vojta u li ma kienet tintuza minn hadd u ftakar b'dispjacir li kien qatta' gurnata jnaddaf il-kamra. Qal li hadd ma tah raguni ghal dik il-bidla u hadd ma qallu x'kellu jaghmel u kien qatta' gimghat shah f'dik il-kamra ma jaghmel xejn. Wara kien ircieva telefonata sabiex imur fl-ispizerija ta' l-isptar San Vincenz de Paule fejn kien dam xi sitt xhur u qal li kellu relazzjonijet tajba mac-Chief Medical Staff.
Ir-rikorrent zied jghid li sitt xhur wara kien ircieva telefonata ohra biex imur fl-ispizerija tal-isptar Boffa fejn hemm ghamel xi sitt xhur ohra. Qal li minhabba t-trattament ta' nuqqas ta' apprezzament ta' xogholu u transfers vendikattivi minhabba l-fehmiet politici tieghu hu kien iddejjaq fuq xogholu. Semma li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra tieghu fejn kien gie akkuzat li ghamel xi abbuz bhala ufficjal pubbliku u li b'hekk kompla jmur lura anke f'sahhtu. Minkejja dak kollu r-rikorrent kien

gie liberat minn kull akkuza migjuba kontrieh.  Qal li ghalkemm kien gie liberat hu kien tfarrak psikologikament bil-fatt li ismu kien thammeg kawza tal-proceduri li abbuzivament kienu ttiehdu kontrieh.  Semma li mill-ahhar sena ta' Procurement Officer il-paga tieghu ma gietx aggustata izda ghalkemm kien jistaqsi, l-paga tieghu baqghet l-istess.

Semma wkoll li tant kien hass ghal dak li kien qed isir mieghu li kien qed jiehu kura u trattament taht id-direttivi ta' Dr. John Mizzi u lir-rikorrent ma hallewlu ebda triq ghajr li jirrizenja mill-post tieghu.  Qal li meta fil-15 ta' Awissu 1988 kien irrizenja mid-Dipartiment tas-Sahha, hu ma kienx ta raguni proprja ghalxiex irrizenja ghax beza' peress li ried ikollu kuntatti kontinwi mad-Diaprtiment tas-Sahha.  Izda qal li kien irrizenja minhabba ragunijiet personali ghax missieru kien marid.

Qal li l-Health Department kienu qed isegwu anki l-hajja tieghu biex isib xoghol fil-private sector u minhabba li l-private sector qieghed taht il-kontroll tad-Dipartiment tas-Sahha r-rikorrent haseb li ma jkunx jista' jsib impieg mal-private sector.
Xehed <u>il-Professur Joseph Zarb Adami</u> li semma li kien jahdem l-isptar bejn l-1976 u l-1979 u bejn l-1983 sa meta xehed.  Qal li lir-rikorrent jiftakru l-ispizerija tal-Gvern. Mill-1983 kien Senior Registrar u fl-1985 kien sar konsulent.  Fost ix-xogholijiet tieghu kien ikollu x'jaqsam ukoll mar-rikorrent u dan in kwantu ghar-responsabbilta` tal-Intensive Care Unit.  It-titlu tar-rikorrent ma ftakrux izda hu kien jixtri l-oggetti godda li jkollhom bzonn ghall-Intensive Care Unit.  Semma li r-rikorrent kien efficjenti u ma kellux problemi mieghu.  Semma li kien fil-bord imqabbad mill-PSC fl-1996, fl-1997 kien membru tal-bord ghal decizjoni dwar Deputat Kap tad-Dipartiment tal-Farmacija izda ma ftakarx li kien membru ta' xi bord tal-PSC qabel.  Lir-rikorrent dejjem jafu bhala bniedem professjonali u li jaghmel xogholu tajjeb.

Xehed <u>is-Sur Alex Serge</u> li semma li kien jahdem bhala Senior Pharmacy Technician fl-Outpatients ta' St. Luke's u dam sal-1987.  Qal li lir-rikorrent sar jafu meta kien gie

Malta ghall-habta tas-70's u r-rikorrent kien student u kien imur ghall-prattika hemmhekk. Semma li r-rikorrent iggradwa ghal spizjar u baqa' fl-ispizerija ta' l-Outpatients ta' St. Luke's. Ix-xhud spicca f'Mejju 1987 u r-rikorrent dak iz-zmien kien il-Medical Stores u ma kellux kuntatt dirett mieghu. Serge qal li kien kburi bir-rikorrent ghax kien jahdem u dejjem attent u qatt ma kellu problemi mieghu. Ir-rikorrent dam jahdem mieghu madwar hames snin u Serge kien is-supervisor tieghu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk ir-rikorrent qieghed jilmenta li wara l-1987 gie trasferit tlett darbiet u fi zmien qasir. Infatti hu jsemmi li wara l-elezzjoni generali tal-1987 fl-istess gurnata mal-bidla fil-Gvern kien gie nfurmat biex johrog mill-Medical Stores mill-ufficcju u jmur f' ufficcju fil-basement tal-isptar f' kamra vojta li ma kienet tintuza minn hadd. Anqas biss kienu qalulu x' kellu jaghmel minn dik il-gurnata 'l quddiem u qatta' gimghat shah f' dik il-kamra ma jaghmel xejn. In segwitu kien gie trasferit ghall-ispizerija ta' St. Vincent De Paule izda wara sitt xhur kien gie ordnat l-ispizerija tal-isptar Boffa. L-intimat qatt ma ta ragunijiet ghaliex ir-rikorrent gie trasferit u taht dan l-aspett it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw ir-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrikjedu hekk. Is-serjeta` titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ghal dawn il-motivi jsib li taht dan l-aspett tal-ilment l-ingustizzja giet pruvata dwar it-transfer a tenur tal-Kap 394.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll fuq il-fatt ta' Procurement Officer izda hu qatt ma gab provi li fil-fatt kien gie mlahhaq bhala tali. Hu dejjem xehed li kien Procurement Officer izda ma gabx ebda ittra ta' appointment f' dan ir-rigward ghalkemm l-intimat mill-ewwel nett fir-risposta tieghu cahad li r-rikorrent qatt ha l-appointment ta' Procurement Officer jew ta' Deputy Chief Pharmacist. Hawnhekk it-Tribunal isib li kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jgib il-provi ta' dan izda dan m' ghamlux u ghalhekk ma jistax jilmenta minn nuqqas ta' hlasijiet kif suppost.

Fl-ahharnett ir-rikorrent ilmenta li ried l-impjieg lura ta' Procurement Officer u Deputy Chief Pharmacist. L-ewwel nett ir-rikorrent qatt ma pprova li hu fil-fatt qatt kien Procurement Officer u Deputy Chief Pharmacist. Ukoll jirrizulta mid-Dokument a fol 23 li hu rrizenja "due to personal reasons (as my father is very sick)". Wara spjega li din kien ghamilha minhabba li ma riedx ikollu relazzjonijiet hziena mad-dipartiment izda t-Tribunal ma jhossx li ghandu provi konvincenti fuq xi constructive dismissal. Hawnhekk ukoll it-Tribunal jichad it-talba tar-rikorrent.

Peress li ghalhekk isib l-aspett tal-ilment dwar trasferimenti gustifikat, filwaqt li mhux gustifikati t-talbiet l-ohra, u peress li ma jistax f'dan il-kaz dwar trasferimenti jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------